MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1961/2000/1

**Silvana mart Alfred Zammit**
**vs**
**Antoinette mart Paul Meilak**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu, l-attrici wara li ppremettiet: illi l-attrici u l-konvenuta huma ahwa, unici ulied il-mejtin John u Filippa konjugi Farrugia; illi John Farrugia miet fit-03 ta' Novembru 1983 (Dok. 1) filwaqt li Filippa Farrugia mietet fil-5 ta' Novembru 1996 (Dok. 2); illi l-imsemmija John u Filippa konjugi Farrugia ghamlu testment *unica charta* tal-20 ta' Jannar 1982 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, li jirregola s-successjoni ta' John Farrugia; illi wara l-mewt ta' zewgha, l-istess Filippa Farrugia ghamelet testment iehor fit-13 ta' Settembru 1996 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Lia (dok. 3) fejn hassret kull testment li ghamlet qabel dak u ordnat li s-

successjoni taghha tkun regolata biss b’dak it-testment; illi a basi ta’ dan it-testment, war li t-testatrici halliet diversi legati fosthom lil ulied l-attrici Eugene sive Gene u Shanna ahwa Zammit, hija innominat bhala eredi universali taghha u padruna assoluta tal-assi kollu taghha lill-konvenuta bid-dritt tas-sostituzzjoni volgari favur uliedha; illi l-attrici ghandha dritt ghal-legittima fuq il-wirt ta’ ommha Filippa Farrugia ekwivalenti ghal wiehed minn sitta (1/6) tal-wirt fl-intier tieghu *in piena propieta* skont l-Art. 616 (1), 620 (1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta; illi l-Art. 10 tat-testment tat-13 ta’ Settembru 1996 fejn Filippa Farrugia ordnat illi fil-kaz li l-attrici tibda proceduri skond il-ligi ghal-legittima, tali legittima ghandha titnaqqas mil-legati mhollija lill-imsemmija wliedha Eugene sive Gene u Shana ahwa Zammit huwa null u bla effett fil-ligi ghaliex imur kontra l-Art. 620 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprojbixxu lit-testatur milli jimponi pizijiet jew kondizzjonijiet fuq il-legittima; illi saret id-dikjarazzjoni tat-trasferiment *causa mortis* skond il-ligi (Dok. 4); illi l-konvenuta baqghet inadempjenti anke wara l-ispedizzjoni ta’ l-ittra legali u ufficjali meta kienet interpellata mill-attrici biex taghtiha l-legittima spettanti lilha skond il-ligi;

**Talbet** li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex:

1. Tillikwida l-wirt tad-decujus Filippa armla ta’ John Farrugia kif ukoll is-sostanzi derivanti u provenjenti mill-istess wirt;
2. Tiddikjara null u bla effett fil-ligi l-Art. 10 tat-testment tal-istess Filippa armla ta’ John Farrugia tat-13 ta’ Settembru 1996 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Lia ghax imur kontra l-Art. 620 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Tillikwida l-legittima *in natura* li tmiss lill-attrici skond il-ligi mill-wirt tal-istess Filippa armla ta’ John Farrugia bhala bint l-istess testatrici;
4. Tikkundannaha sabiex tassenja lill-attrici l-legittima hekk likwidata;
5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun fil-jum, hin ulok li jigu stabbiliti minn din il-Qorti u kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-09 ta' Settembru 1997, u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici u l-lista tax-xhieda;

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet:

1. illi l-attrici ma tistax tipproponi din il-kawza gialadarba hija ma rrinunzjatx ghall-usufrutt i,mholli lilha bit-testment ta' ommha tat-13 ta' Settembru 1996 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Lia anzi accettat l-istess usufrutt kif jirrisulta mid-dikjarazzjoni causa mortis li hi stess iffirmat u li hi stess esibit mac-citazzjoni taghha bhala Dok. 4;
2. Subordinatament u minghajr prejudizzju, l-artikolu 19 ta' dan it-testment ta' omm il-kontendenti mhuwiex null u bla effett u f'kaz li l-attrici tibqa tippersisti fl-azzjoni taghha l-legittima spettanti lilha ghandha titnaqqas mill-legati mhollija bl-istess testment lil ulied l-attrici cioe Eugene sive Gene u Shanna, ahwa Zammit;
3. Illi ghal din ir-raguni ukoll it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti billi jidher manifestament car illi l-istess attrici halliet barra minn din il-kawza persuni (cioe l-imsemmija uliedha) li mill-bidu nett ta' l-istess kawza kienu, ghadhom u jibqghu ferm interessati fil-mertu;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda;

Rat is-sentenza prelminari moghtija minn din il-Qorti diversament presjduta fl-24 ta' Mejju 2001 li permezz taghha gie deciz "*li l-ewwel eccezzjoni tal-imharrka m' hijex imsejsa fil-ligi u lanqas fil-fatt u ghalhekk qeghda twarrabha, bl-ispejjez kontra l-istess imharrka*". [fol.38]

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2001 fejn hemm registrat "*Id-difensuri jaqblu li l-ewwel ghandha*

*tigi deciza t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta u t-tieni talba attrici*.” [fol.40].

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni ghas-seduta tallum;

Ikkunsidrat:

**Vertenza**
Illi dan il-gudizzju jikkoncerna t-tieni talba attrici li hi fis-sens li l-Qorti tiddikjara nulla u bla effett fil-ligi l-Art.10 tat-testment maghmul minn Filippa armla ta’ John Farrugia fit-13 ta’ Settembru 1996 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Lia “ghax imur kontra l-Art.620 (1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta” Il-konvenuta minn naha taghha qed issostni, permezz tat-tieni eccezzjoni taghha, li din il-klawsola hija valida fil-ligi.

Illi l-klawsola testamentarja in diskussjoni hija dik kontenuta fl-Artikolu 10 tal-imsemmi testment, u testwalment taqra hekk: “*It-Testatrici Filippa Farrugia trid u tordna illi jekk bintha Silvana Zammit [l-attirici] tibda proceduri skond il-ligi ghall-legittima, tali legittima ghandha titnaqqas mill-legati mholliha b’ dan it-Testment lill-imsemmija Eugene sive Gene u Shanna u t-tfal l-ohra naxxituri, ahwa Zammit*.” u ulied l-istess Silvana Zammit.

Illi il-kontestazzjoni tal-attrici hija bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 620 (1) tal-kap.16 li testwalment jiddisponi: “*The legitim is due in full ownership, and is shall not be lawful for the testator to encumber it with any burden or condition*”. Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, l-attrici qed issostni li d-dritt tat-testarici li tirriserva lill-legitimarju una determinata specie di beni “*ma jestendix ruhu biex jinkludi wkoll mnejn ser tithallas il-legittima*” [fol.56]. Qed tikkontendi, inter alia, li d-dispsozzjoni in disamina, “*qed ixxekkel l-esercizju tad-dritt tal-legittima [tal-attrici] ghaliex*

*qed tnaqqar legat li thalla lill-terzi*" [folo.57]. Skond l-attrici din hija kondizzjoni imposta fuq il-legittima u hija kuntrarja ghad-dispost tal-artikolu precitat, per konsegwenza topera d-disposizjoni tal-artikolu 711 (1) tal-Kap.16.

Illi l-konvenuta minn naha taghha qed issostni illi t-testatrici ma kisret ebda ligi, stante li hi ma ssoggettatx il-legittima ghal ebda piz jew kondizzjoni fit-termini tal-Artikolu 620 (1) tal-imsemmi Kap izda "*semplicement irriservat assi determinati li minnhom ghandha tigi mhallsa l-legittima*" [fol.50]. Fin-nota taghha, id-difensur tal-konvenuta ghamel esposizzjoni erudita tal-gurisprudenza in materja li l-Qorti ser taghmel referenza ghaliha fil-konsiderazzjonijiet taghha.

***Konsiderazzjonijiiet tal-Qorti***
`

**Osservazzjonijiet guridici**

Illi ghall-ahjar intendiment tal-gudizzju odjern huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet ta' natura guridka bazati fuq l-insenjament gurisprudenzjali in materja. ***[PA Maria Lombardo vs Rosina Lombardo et – 4.01.1881; App.Civ.Avv.Enrico Vassallo noe vs Giuseppina Mallia et – 24.02.1930; PA. Maria Wismayer et vs Ruggier Wismayer et – 22.05,1950; PA. Giuseppa Sammut vs Grazia Refalo et – 30.06.1954; PA. Francesco Saveria Fava vs Elisabetta Camilleri et. – 10.12.1954; PA. Francesco Caruana et vs Valentina Caruana et – 09.12.1955; Appell [Bord] Joseph Vella vs Anthony Bezzina et – 20.11.1998]***

Il-legittima hija dik il-parti tal-proprjeta' tad-decujus li l-ligi tirriserva lill uliedu u lil dawk kollha parentati mieghu li ghandhom dritt ghaliha skond il-ligi. Il-legittima kunsidrata bhala forma ta' successjoni intestata, tiddevolvi ex lege; u tikkostitwixxi limitazzjoni ghad-dritt assolut, appartenenti lid-decujus, qua propretarju tal-beni tieghu, li jiddisponi mill-proprjeta' tieghu "in the most absolute manner."[1]

[1] Art.320 Kap.16

Illi salv din il-limitazzjoni legali, id-decujus ghandu l-fakolta’ li jiddisponi mill-beni tieghu kif jidhrilu. “*Il-ligi tirrikonoxxi li d-decujus ghandu l-fakolta’ li jiddisponi [mill-proprjeta’ tieghu] b’ mod pur u semplici bla ma timponilu ebda determinazzjoni ta’ l-ispeci tal-beni li minnhom jiddisponi*”[2]. Minn dan isegwi li jekk t-testatur ma jeccedix dik il-porzjoni tal-assi riservata ghall-legtimarji, huwa jista' ’iddisponi mill-beni tieghu kif irid hu.

Illi, ghalkemm ghall-fini tal-komputazzjoni tal-quantum tal-parti riservata ghall-legittimarji, il-ligi tiddisponi li din ghandha ssir fuq l-assi ereditarju kollhu, wara li jitnaqqas il-passiv inkluzi l-ispejjez tal-funeral,[3] dan ma jghatix lill-legittimarji d-dritt li jezigu, jew l-obbligu li jiehdu, sehem minn kull oggett li jikkostitwixxu l-beni tad-decujus. Il-limitazzjoni imposta mill-ligi tirrigwarda biss l-ammont tal-parti riservata u li mhix disponibbli mit-testatur; izda stabbilit l-ammont ta’ din il-porzjoni, it-testatur, qua propretarju tal-beni tieghi, dejjem ghandu d-dritt li jiddisponi mill-beni tieghu kif irid minghajr limitazzjoni ulterjuri, salv dak li hemm kontemplat fl-Artikolu 620 (1) tal-kap.16.[4]

Mill-premess isegwi li t-testatur ghandu d-dritt jiddisponi mill-parti disponibbli kif jidhrilu; u li anke ghal dik il-parti riservata lill-legitimarji huwa ghandu d-dritt jhalli “*una determinata specie di beni anzicche’ una quota di tutti I singoli sui beni*” determinata[5]. Konsegwentement huwa ghandu l-fakolta’ li jghati b’ titolu ta’ legat il-beni tieghu kollha, purche’ il-valur taghhom ma jeccedix il-valur tal-kwota riservata, liema parti tista’ tikkonsisti kemm f’ beni mobli u immobli, jew f’ mobbli biss jew vice versa. Ghax il-ligi, filwaqt li tiddisponi li l-legittima hija sehem mill-proprjeta’ tad-decujus, ma tillimitax fis-sens li ma tiddeterminax l-ispecie tal-beni li ghandhom jifformaw din il-porzjon; u allura, d-decujus, li ghandu d-dritt jaghmel li jrid bil-kwota disponibbli, ma hux obbligat ihalli lill-legittimarji determinata speci ta’ beni jew korpi, b’ mod li t-testatur seta’ bigh kull ma kellu, mobili (inkluzi titoli)

[2] ***Maria Wismayer vs Ruggieru Wismayer*** **[supra]**
[3] Art.620(20
[4] *Wismayer vs Wismayer* [supra]
[5] App.Civ. ***Avv.Enrico Carlo Vassallo nomine vs Giuseppina Mallia ed altri*** – deciza 24.02.1930

u/immobbli, u jhalli biss fil-patrimonju flus kontanti. “*Del resto il-legittima hija kwota ta’ beni u mhux speci determinata ta’ beni; b’ mod li jekk id-decujus ma jkunx iddispona minn dik il-kwota, huwa jkun gie li osserva l-ligi u ma jistax jigi attakkat it-testment tieghu*”[6]

Illi isegwi ghalhekk li la darba t-testatur huwa liberu li jrrizerva “una determinata specie tal-beni tieghu” huwa ghandu l-fakolta’ li jhalli proprjeta’ specifika in sodisfazzjoni tal-legittima, jew akkont tal-istess legittima. Konformament ma’ dan, il-ligi fl-Artikolu 620 (3) tiddisponi li dik il-proprjeta’ li l-legittimarju jkun irceva minghand it-testatur matul hajtu u li tkun soggetta ghall-kollazzjoni, ghandha tigi meqjusa bhala li inghatat akkont tal-legittima u “*shall impute to it all such things*”.

Illi principju iehor bazat fuq id-dritt tal-proprjeta’ tat-testatur huwa li l-legati mhollija mit-testatur ghandhom jigu rispettati, stante li dawn jirrapprezentaw il-volonta’ tieghu li, bhala proprjetarju ghandu d-dritt jiddisponi mill-proprjeta’ kif irid. Il-legati jittiehdu biss in konsiderazzjoni fil-valutazzjoni tal-assi ereditarju ghall-finijiet tal-komputazzjoni tal-legittima; izda gia la darba, il-porzjoni riservata ma titmiss fil-kwantum taghha, u ghalhekk jkun jibqa’ proprjeta’ sufficjenti biex tithallas il-legittima, il-legati ma jistghux jigu minsusin. Jekk imbaghad it-testatur ikun ecceda l-parti indisponibbli fis-sens li din ma tkun bizzejjed biex tissodisfa l-legittima, allura f’ dan kaz il-legati jigu ridotti sa kemm ikun necessarju biex tigi re-integrata il-porzjoni riservata lill-legittimarji ex lege.

Izda ghajr li t-testatur ghandu d-dirtt jiddetermina l-ispecie tal-proprjeta’ li huwa jirid jhalli in sodisfazzjoni tal-legittima, il-ligi timponi limitazzjoni, ulterjuri ghal dik tal-ammont, u cioe’ li legittima hija dovuta’ in piena proprjeta’ u t-testatur ma jistax jimponi fuq dik il-kwota’ pizijet u kondizzjonijet.[7]. “*Il-legittima hija dovuta fi proprjeta’ assoluta – in piena proprjeta’, u t-testatur, peress li hija porzjoni ndispensabbli, ma jistax jimponi fuqha l-ebda piz jew l-*

[6] *Wismayer vs Wismayer* [supra]
[7] Art.620 (1) *supra*

*ebda kondizzjoni*."[8] F' dan ir-rigward huwa opportun li jigi rilevat li din id-disposizzjoni tal-Artikolu 620 (1) ma tillimitax id-dritt tal-testatur li jghazel hu liema parti mill-beni tieghu ghandha tigi riservata ghall-legittimarji, izda tfisser li t-testatur ma jistax jimponi hu piz jew kondizzjoni fuq il-proprjeta' ut sic li ser tigi assenjata bhala legittima.

Illi minn dan isegwi li, hekk kif huwa ghandu d-dritt jghazel il-porpjeta' partikolari destinata ghall-legittimarji, ghandu jkollu d-dritt li jiddisponi minn liema parti tal-proprjeta' ghandha tigi sodisfatta l-legittima f' kaz li l-legittima tigi rekalmata. Il-Qorti tosserva li b' dan il-mod it-testatur mhux qed jimponi la piz u lanqas kondizzjoni fuq il-proprjeta' destinata ghall-legittimajri. Ma hemm ebda tnaqqis fil-valur tal-proprjeta' mhollija jew menomazzjoni tad-dritt tal-legittima.

**Konkluzjoni**

Illi stabbilit is-suespost u b' applikazzjoni tal-istess, il-Qorti hija tal-fehma li l-Artikolu 10 tat-testment in disamina ma jimponi ebda kondizzjoni jew piz fuq il-proprjeta' riservata ghall-legittimarja f' kaz li dina tirriklama d-dritt taghha skond il-ligi. B' din il-klawsola, it-testatrici semplicement esercitat it-dritt taghha li tindika determinata speci tal-beni taghha ereditarji minn fejn ghandha tigi sodisfatta l-legittima kemm il-darba din tigi reklamata. B' daqshekk ma xekklitx l-esercizju tad-dritt tal-legittima tal-attrici, imma esercitat dritt li huwa taghha bhala testatrici proprjetarja tal-beni, kif rikonoxxut mill-ligi u mill-insenjament gurisprudenzjali. Permezz ta' l-imsemmija klawsola t-testatrici ma naqset b' ebda piz jew oneru il-valur tal-proprjeta' identifikata biex tifforma l-porzjoni riservata ghall-attrici legittimarja.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li l-Artikolu 10 tat-testment maghmul minn Filippa armla ta' John Farrugia fit-13 ta' Settembru 1996 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Lia ma jmurx kontra l-ligi; u ghalhekk t-tieni eccezzjoni

[8] App.Civ. ***Farrugia vs Mintoff*** – vol.XXXIII.I.472

tal-konvenuta hija sostenibbli fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, u tichad it-tieni talba tal-attrici. L-ispejjez, in vista tal-punt legali involut, ghandhom jigu sopportati mill-partijiet fi kwoti wguwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------